MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 408/2010

**Go p.l.c. C-22334**
**vs**
**Josephine Bonello ID-237263M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Marzu 2010, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,186.55c (elf mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u hamsin cetenzmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi tat-telephone li jgib il-kont numru 40086856 kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok IZY 1 u IZY 2;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta l-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-

gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-5 ta Mejju 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro1,186.55c (elf mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------